



2021/2209(INI)

7.2.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

lejn strateġija tal-UE għall-promozzjoni tal-edukazzjoni għat-tfal fid-dinja:
mitigazzjoni tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19
(2021/2209(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Sabine Verheyen

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-impenji li saru fil-Konferenza Dinjija tal-UNESCO tal-2021 dwar "Education for Sustainable Development" (L-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli) u l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Berlin; jinsisti li trid tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità għat-tfal kollha bħala faċilitatur għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli kollha tan-NU u jenfasizza l-importanza li l-iżvilupp sostenibbli jiġi integrat fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ mit-tfulija bikrija sal-edukazzjoni terzjarja u għall-adulti, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni mhux formali u t-tagħlim informali;
2. Jissottolinja li l-pandemija tal-COVID-19 u l-għeluq temporanju konsegwenti tal-iskejjel ma jridux ixekklu d-dritt fundamentali għal edukazzjoni ta' kwalità u tul il-ħajja; jenfasizza li t-tfal kollha għandhom jingħataw l-għarfien, il-ħiliet, il-valuri u l-attitudnijiet li huma jeħtieġu biex jaġixxu bħala ċittadini u jwettqu l-awtonomizzazzjoni soċjoekonomika tagħhom u l-iżvilupp personali tagħhom, huma min huma, jgħixu fejn jgħixu, hu xinhu l-isfond soċjoekonomiku tagħhom, u hi xinhi d-diżabilità fiżika jew mentali li jista' jkollhom;
3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-pajjiżi mhux tal-UE jagħmluha objettiv ewlieni li l-iskejjel jinżammu miftuħa matul il-pandemiji, filwaqt li jiżguraw il-kontinwità tat-tagħlim għat-tfal kollha, inkluż permezz ta' miżuri protettivi tas-saħħa u tas-sigurtà, strateġiji tat-tilqim u kapaċità ta' tagħlim mill-bogħod; jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jżid il-gwida u l-appoġġ tiegħu biex jippermetti lill-gvernijiet madwar id-dinja jissodisfaw dawn l-objettivi, filwaqt li jagħti prijorità lill-pajjiżi b'introjtu baxx u lill-pajjiżi b'introjtu medju inferjuri billi jiżgura li l-istituzzjonijiet edukattivi tagħhom ikollhom aċċess għal infrastruttura bażika sanitarja u tas-saħħa;
4. Jinsab imħasseb dwar l-impatt finanzjarju dejjiemi tal-pandemija fuq il-finanzjament għall-edukazzjoni, peress li l-maġġoranza tal-istati membri tal-UNESCO għadhom ma laħqux il-livell limitu ta' 4–6 % tal-PDG jew 15–20 % tan-nefqa pubblika; jinkoraġġixxi lill-pajjiżi mhux tal-UE jinvestu fl-edukazzjoni lil hinn mill-pjanijiet ta' rkupru tagħhom fl-edukazzjoni kollha preprimarja, dik primarja u dik sekondarja tal-ewwel livell; jisħaq li minkejja l-finanzjament iddedikat, il-pajjiżi b'introjtu baxx u l-pajjiżi b'introjtu medju inferjuri ddedikaw inqas minn 1 % għall-edukazzjoni fil-pakketti ta' stimolu tagħhom rigward il-COVID-19¹ u 67 % minnhom jiddependu mill-appoġġ estern għall-ispejjeż relatati mal-COVID-19 fis-settur tal-edukazzjoni²;
5. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-gvernijiet nazzjonali tal-pajjiżi mhux tal-UE jiżviluppaw strateġiji u linji gwida għas-settur tal-edukazzjoni sabiex jirrispondu

¹ UNESCO, "UNESCO Member States unite to increase investment in education" (L-Istati Membri tal-UNESCO jingħaqdu biex iżidu l-investment fl-edukazzjoni), 10 ta' Novembru 2021.

² BAE, H., Costinot, M., Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), Education and Skills Today, "A long road to recovery: National education responses to COVID reveal key equity concerns" (L-Edukazzjoni u l-Ħiliet Illum, "Triq twila lejn l-irkupru: Ir-reazzjonijiet tal-edukazzjoni nazzjonali għall-COVID jiżvelaw tħassib ewlieni dwar l-ekwità", 13 ta' Lulju 2021.

għall-mewġiet sussegwenti tal-pandemija b'mod ikkoordinat u organizzat bil-għan li jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riperkussjonijiet għall-proċess tat-tagħlim;

6. Jilqa' d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-UNESCO: a Global Call for Investing in the Futures of Education (Sejħa Globali għall-Investment fil-Futuri tal-Edukazzjoni); iħeġġeġ lill-pajjiżi madwar id-dinja jikkunsidraw l-edukazzjoni bħala investment aktar milli spiża; jemmen li assistenza finanzjarja adegwata u finanzjarja fl-edukazzjoni hija prerekwiżit biex jiġi eliminat il-faqar u jissaħħa il-benesseri tal-bniedem, speċjalment fi żmien meta r-riżorsi pubbliċi kulma jmur qed isiru aktar ristretti b'domandi li jikkompetu bejniethom f'setturi milquta ħażin ħafna bħas-saħħa u l-edukazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sostanzjali l-finanzjament għall-edukazzjoni fl-istrateġiji internazzjonali tagħhom għall-iżvilupp u l-assistenza; jitlob il-ħolqien ta' sħubija globali għall-edukazzjoni u l-istabbiliment konkomitanti ta' sett ta' standards internazzjonali;
7. Jenfasizza l-importanza li tittejjeb l-analiżi tal-kostijiet u tal-impatt meta jkunu qed isiru l-għażla u l-monitoraġġ ta' proġetti edukattivi, li jiġi żgurat li l-proġetti jdumu biżżejjed biex jindirizzaw b'mod adegwat il-ħtiġijiet edukattivi tat-tfal, li jiġu evitati l-piżijiet amministrattivi eċċessivi għas-sħab li jwettqu l-implimentazzjoni, u li tiġi indirizzata s-sostenibbiltà fit-tul fil-proġetti ta' flus għall-edukazzjoni; jitlob li jkun hemm aktar sħubijiet pubbliċi-privati għall-proġetti ta' infrastruttura materjali fl-edukazzjoni għat-tfal;
8. Jitlob li jkun hemm evalwazzjoni u kontrolli stretti tal-allokkazzjoni tal-finanzjament tal-UE għall-proġetti edukattivi f'pajjiżi li mhumiex fl-UE sabiex jiġi żgurat li l-assistenza tingħata b'mod effettiv lill-istrutturi u lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jaqblu mal-valuri Ewropej, jiżguraw taħriġ xieraq għall-għalliema, u jipprovdu lit-tfal materjal edukattiv li ma jinċitax il-mibegħda kontra l-oħrajn;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġiji u linji gwida li jtejbu l-kapaċità tal-proġetti ta' għajjuna tagħha li jilhqnu lill-istudenti kollha, b'mod partikolari dawk li jaf ma jkunux jistgħu jaċċessaw l-edukazzjoni, bħall-bniet, l-istudenti minn ambjenti żvantaġġjati, l-istudenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali u oħrajn, billi tindirizza b'mod determinat l-ostakli għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità tajba, sikuri u inklużivi fil-livelli kollha; jenfasizza l-importanza li tkun involuta f'dan il-proċess il-komunità kollha kemm hi, inklużi l-familji; jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja l-għbir u l-monitoraġġ effettiv ta' data komparabbli, diżaggregata skont il-ġeneru u l-età, sabiex jitfasslu aħjar ir-reazzjonijiet għas-sottogruppi differenti ta' studenti;
10. Jirrimarka li l-COVID-19 kellha impatt devastanti fuq it-tfal u ż-żgħażaġh b'diżabilità, li kienu jeħtieġu kura u attenzjoni speċjali matul il-lockdown u issa qed ikollhom jiffaċċjaw il-konsegwenzi;
11. Jissottolinja l-fatt li bħala riżultat tal-pandemija, l-istudenti madwar id-dinja kollha ħallu prezz qares f'dak li hu telf ta' tagħlim u ta' għarfien, flimkien ma' impatt serju f'dik li hi metodoloġija, li affettwa l-iżvilupp tagħhom tal-ħiliet ta' ħsieb kritiku; Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jappoġġjaw lill-awtoritajiet nazzjonali fit-tisħiħ tas-sistemi edukattivi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak reġjonali u jinvestu fl-ugwaljanza u fil-ħiliet għall-futur;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri leġiżlattivi xierqa fil-qasam tal-kummerċ u l-kooperazzjoni internazzjonali biex tevita li taggrava t-tħaddim tat-tfal, peress li kull tifel u tifla għandhom id-dritt fundamentali li jinkitbu f'edukazzjoni ta' kwalità; jinkoraġġixxi lill-pajjiżi madwar id-dinja jimplementaw oqfsa legali għar-reġistrazzjoni fl-iskejjel pubbliċi u jistabbilixxu età minima għat-tluq mill-iskola;
13. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-pajjiżi b'introjtu baxx u fil-pajjiżi b'introjtu medju inferjuri jkomplu jiġu żviluppati u msaħħa programmi immirati lejn il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, lejn il-mitigazzjoni tal-biżgħat tal-ġenituri wara l-pandemija, u lejn it-turija tal-vantaġġi u l-benefiċċji potenzjali tal-iskolarizzazzjoni sabiex tingħata spinta lill-attendenza skolastika u t-tfal ikunu jistgħu jagħmlu progress permezz tal-edukazzjoni kemm jista' jkun;
14. Iħeġġeġ li l-għalliema jitqiegħdu fil-qalba tas-sistemi edukattivi u li l-professjoni tat-tagħlim tiġi promossa u tingħata r-rikonoxximent xieraq; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ħtieġa li l-edukaturi u l-għalliema jiġu remunerati b'mod adegwat ta' xogħolhom; jiġbed l-attenzjoni lejn il-potenzjal tal-pjattaformi online bħall-eTwinning u l-akkademji tal-għalliema fl-ambitu tal-Erasmus+ sabiex l-għalliema, anke lil hinn mill-UE, jiġu awtonomizzati biex ikunu jistgħu jikkomunikaw mal-pari tagħhom, jeżerċitaw il-professjonaliżmu tagħhom u jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' tagħlim professjonali; jitlob li jkun hemm aktar appoġġ għat-taħriġ kontinwu tal-għalliema; ifakkar fl-importanza li l-għalliema jiġu mgħarrfa bil-miżuri tas-saħħa preventivi nazzjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi indirizzata l-isfida tas-sostituzzjonijiet tal-għalliema matul pandemija;
15. Jenfasizza r-rwol tal-edukazzjoni mhux formali u ta' dik informali, tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza u tal-volontarjat; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-pajjiżi mhux tal-UE fit-titjib tar-rikonoxximent tal-ħiliet personali; jinsisti fuq il-promozzjoni ta' Prattiki ta' solidarjeta' u ta' mentoraġġ interġenerazzjonali biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi, l-esklużjoni jew it-tluq bikri mill-iskola;
16. Jitlob li jiġu aċċellerati l-mobilità u l-iskambji tal-għarfien mad-dinja kollha fil-livelli kollha tal-edukazzjoni kif ukoll bejn u fi ħdan il-pajjiżi u r-reġjuni, filwaqt li jirrikonoxxi l-istorja kumplessa u kkontestata tar-relazzjonijiet dinjija u jenfasizza l-importanza li l-wirt, l-identità kulturali, l-istorja, l-arti u ċ-ċittadinanza globali jiġu promossi permezz tal-edukazzjoni; jinnota l-potenzjal tal-ikkombinar tal-iskambji online u l-ivvjaġġar għal dan il-għan;
17. Jistieden lill-Kummissjoni tlaqqa' b'mod urġenti konferenza internazzjonali tad-donaturi taħt l-awspiċċi tal-UE u tan-NU sabiex issaħħaħ l-inizjattiva Covax u tistabbilixxi mira komuni biex tagħmel vaċċin pedjatriku approvat disponibbli għat-tfal kollha fid-dawl tal-impatt devastanti tal-COVID-19 fuq l-edukazzjoni taż-żgħażaġħ fid-dinja kollha; jemmen li dan il-għan għandu jiġi inkluż f'patt tas-saħħa globali u ffinanzjat permezz tal-ħruġ straordinarju ta' drittijiet speċjali ta' prelevament mill-Fond Monetarju Internazzjonali u donazzjonijiet mill-pajjiżi żviluppati;
18. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn il-kultura u l-edukazzjoni sabiex jissawru soċjetajiet sostenibbli, inklużivi u reżiljenti; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE, f'dan ir-rigward, jappoġġjaw lill-awtoritajiet nazzjonali huma u jinkludu l-arti

u l-kultura fil-kurrikuli tal-iskejjel u fl-attivitajiet estrakurrikulari tagħhom sabiex jarrikkixxu l-esperjenzi edukattivi u tat-tagħlim tal-istudenti fil-pajjiżi mhux tal-UE;

19. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni vokazzjonali, l-edukazzjoni mhux formali, il-mentoraġġ u t-taħriġ għall-istudenti kollha; jemmen li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għall-istudenti fil-pajjiżi li mhumiex fl-UE jirrappreżentaw għażla addizzjonali fundamentali li tgħinjom jimmaniġġjaw b'suċċess it-tranżizzjoni tagħhom għas-suq tax-xogħol u jagħtuhom raġuni għala għandhom jispiċċaw l-iskola; jitlob li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jiġu promossi bħala perkors ta' eċċellenza għall-impjieġ; itenni l-importanza tad-dimensjoni esterna taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u l-qasam korrispondenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jinsisti fuq il-ħtieġa tal-mobilità internazzjonali u tal-iskambju tal-aħjar prattiki fis-settur, inkluża l-promozzjoni ta' esperjenzi interkulturali u ta' tagħlim ma' pajjiżi mhux tal-UE lil hinn mill-edukazzjoni formali; jitlob li jittieħdu passi effettivi biex jitnaqqas l-ispariġġ bejn is-sistemi edukattivi u d-domandi tas-suq tax-xogħol;
20. Jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati u msaħħa attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni relatati mat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni ambjentali u l-impatt tagħhom fuq it-tfal u l-ġenerazzjonijiet futuri; jitlob li l-edukazzjoni ambjentali ssir komponent ewlieni tal-kurrikuli tal-iskejjel;
21. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jippromwovu u jappoġġjaw edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità li tkun aċċessibbli, adattata u mingħajr stigma għat-tfal, l-adolesxenti u ż-żgħażaġh kollha, kemm f'ambjenti edukattivi formali kif ukoll mhux formali, inkluża informazzjoni dwar is-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva;
22. Jenfasizza r-rwol importanti tal-edukazzjoni fiżika fl-iskejjel, peress li l-attività fiżika u stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa huma essenzjali għat-titjib tas-saħħa tal-istudenti; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lis-SEAE, jappoġġjaw lill-awtoritajiet nazzjonali biex jiżguraw faċilitajiet sportivi suffiċjenti u sikuri fl-iskejjel u t-taħriġ ta' għalliema tal-isport kwalifikati;
23. Jiddeplora l-fatt li d-diskriminazzjoni kontra t-tfal rifuġjati, li ftit li xejn kellhom aċċess għall-edukazzjoni, ġiet aggravata mill-kriżi tal-COVID-19; jafferma li l-klassijiet segregati fil-kampijiet ta' akkoljenza, li spiss jitmexxew minn voluntiera, ma jistgħux jissostitwixxu l-iskolarizzazzjoni; jitlob li l-edukazzjoni obbligatorja tat-tfal rifuġjati fis-sistema skolastika tal-pajjiż ospitanti ssir prerekwiżit biex ikun hemm aċċess għall-finanzjament tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jappoġġjaw lill-pajjiżi li jospitaw ir-rifuġjati fit-tiżi tas-sistemi edukattivi lokali tagħhom u jassistu lill-komunitajiet ospitanti biex jiffaċilitaw l-inklużjoni tar-rifuġjati b'mod sostenibbli; jistieden lis-SEAE jippromwovi l-koordinazzjoni bejn is-servizzi edukattivi, soċjali u tas-saħħa; ifakkar li l-iskejjel għandhom jipprovdu rifuġju sikur għat-tfal u jservu bħala spazji pubbliċi għat-tgawdija tad-drittijiet demokratiċi u l-libertà tal-espressjoni; jafferma mill-ġdid li l-miżati għall-edukazzjoni m'għandhomx ikunu ostaklu għal edukazzjoni ta' kwalità, mhux l-inqas minħabba li l-pandemija wasslet biex it-tfal u l-familji tagħhom ftaqru;
24. Jitlob li t-teknoloġiji, l-ġhodod diġitali u r-riżorsi edukattivi jkunu faċilment disponibbli, bi prezz raġonevoli u aċċessibbli għall-għalliema, l-istudenti u l-apprendisti

madwar id-dinja u jenfasizza l-ħtieġa li dawn it-teknoloġiji u l-għodod jiġu appoġġjati u estiżi aktar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE jappoġġjaw lill-awtoritajiet tal-pajjiżi mhux tal-UE fl-għoti ta' taħriġ diġitali lill-għalliema u lill-edukaturi biex jgħinuhom jiksbu jew itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom u jiżviluppaw l-għarfien meħtieġ biex ikunu jistgħu jużaw il-materjali tat-tagħlim diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-pajjiżi mhux tal-UE permezz ta' inizjattivi bilaterali u multilaterali biex jiġi ffaċilitat l-aċċess diġitali għall-materjali edukattivi u jiġu żviluppati soluzzjonijiet li jippermettu l-użu transfruntier; ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat li l-ebda tifel jew tifla ma titħalla lura minħabba d-diġitalizzazzjoni u jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jikkooperaw mill-qrib mal-pajjiżi mhux tal-UE u mas-settur privat biex jipprovdu aċċess għall-broadband u konnessjonijiet tal-internet fil-klassijiet; jitlob li l-edukazzjoni dwar l-ICT u t-teknoloġija diġitali tiġi inkluża fil-kurrikuli u li l-bniet jiġu mħeġġa jaqdbu suġġetti fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija, l-arti u l-matematika (STEAM); jitlob li t-tagħlim diġitali jsir servizz ta' emerġenza fis-sistemi skolastiċi madwar id-dinja; jenfasizza li filwaqt li ma għandux jissostitwixxi l-edukazzjoni wiċċ imbwiċċ, it-tagħlim ibridu jista' jgħib opportunitajiet f'konformità mat-tranżizzjoni diġitali; jinkoraġġixxi lill-mexxejja dinjija jikkunsidraw il-konnettività u l-aċċess għall-infrastruttura diġitali, bħall-aċċess għal network ta' kwalità tajba u bi prezz raġonevoli, bħala dritt assoċjat tad-dritt fundamentali għall-edukazzjoni;

25. Jinsisti li l-UE twitti t-triq bħala setgħa edukattiva li tippermetti lill-Istati Membri jeżerċitaw bis-sħiħ il-kapaċità tagħhom li jappoġġjaw l-edukazzjoni għat-tfal fid-dinja kollha u jaffermaw il-konvinzjonijiet tagħhom dwar din il-kwistjoni; jissottolinja r-rwol ewlieni taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni futura fl-għoti ta' opportunità importanti għal aktar kooperazzjoni internazzjonali biex jinbnew sinerġiji dwar l-edukazzjoni lil hinn mill-Ewropa sabiex jiġu żviluppati approċċi u soluzzjonijiet komuni għall-isfidi komuni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirdoppja l-isforzi tagħha biex tiddefinixxi strateġija għal dak il-għan, inklużi deskrizzjoni ċara u oġettivi ċari;
26. Jirrikonoxxi l-fatt li l-kriżi tal-COVID-19 għamlitha jerġa' aktar urġenti li titrażżan il-vjolenza fuq it-tfal; jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri xierqa kollha biex tiġi pprojbita kull forma ta' kastig korporali kontra t-tfal u biex jiġu kkundannati l-prattiki dannużi u jingħata l-impenn b'mod espliċitu li dawn jintemmu, inklużi t-tħaddim tat-tfal, it-traffikar tat-tfal, il-vjolenza sessista, il-mutilazzjoni ġenitali femminili, u ż-żwieġ bikri u sfurzat tat-tfal; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jippromwovu edukazzjoni ta' kwalità tajba f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt jew emerġenza skont l-istandards minimi tan-Network Interaġenzjali għall-Edukazzjoni f'Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-vuċi tat-tfal tinstema' fid-deċiżjonijiet li jaffettwaw l-aċċess tagħhom għal edukazzjoni ta' kwalità tajba, sikura u inklużiva f'konformità mal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal u d-dimensjoni globali tagħha; jenfasizza kemm hu importanti li jinkisbu l-ħiliet, b'mod partikolari permezz tat-tagħlim wiċċ imbwiċċ, li se jippermettu lit-tfal jagħmlu progress tul ħajjithom kollha, bħal dwar ir-relazzjonijiet personali, il-ħiliet tal-istudju, l-empatija u l-kooperazzjoni; jenfasizza l-importanza li t-tfal ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' loġħob u ta' divertiment bħala element ewlieni tal-iżvilupp tagħhom, kif rikonoxxut fl-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal; jitlob li jittieħdu passi biex tissaħħaħ it-tgawdija ta' attivitajiet ta' divertiment u ta' kultura għat-tfal, kemm bħala drittijiet fihom infushom kif ukoll bħala mezz biex jittejjbu s-saħħa mentali u l-benesseri ġenerali tagħhom;

27. Jimpinja ruħu li jagħmel l-edukazzjoni suġġett ewlieni tad-diskussjonijiet fil-ħidma tad-delegazzjonijiet parlamentari, b'mod partikolari permezz ta' assemblej parlamentari konġunti bħall-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	7.2.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 24 - : 1 0 : 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Ilana Cicurel, Gianantonio Da Re, Laurence Farreng, Tomasz Frankowski, Alexis Georgoulis, Catherine Griset, Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Irena Joveva, Petra Kammerevert, Niyazi Kizilyürek, Predrag Fred Matić, Dace Melbārde, Victor Negrescu, Peter Pollák, Marcos Ros Sempere, Monica Semedo, Andrey Slabakov, Massimiliano Smeriglio, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Salima Yenbou, Theodoros Zagorakis
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Christian Ehler, Loucas Furlas, Elżbieta Kruk, Viola Von Cramon-Taubadel

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

24	+
ECR	Dace Melbārde
PPE	Asim Ademov, Christian Ehler, Loucas Fourlas, Tomasz Frankowski, Peter Pollák, Michaela Šojdrová, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis
Renew	Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Irena Joveva, Monica Semedo
S&D	Sylvie Guillaume, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Victor Negrescu, Marcos Ros Sempere, Massimiliano Smeriglio
The Left	Alexis Georgoulis, Niyazi Kizilyürek
Verts/ALE	Viola Von Cramon-Taubadel, Salima Yenbou

1	-
ID	Catherine Griset

3	0
ECR	Elżbieta Kruk, Andrey Slabakov
ID	Gianantonio Da Re

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni